MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tal-15 ta' Novembru, 2004

Talba Numru. 1721/2003

**Fogg Insurance Agencies Limited ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' estera Norwich Union International Insurance Limited kif surrogate fid-drittijet tal-assikurat taghha Darren Calleja abbazi tal-polza ta assikurazzjoni tat-tip *comprehensive* u tal-ligi u l-istess Darren Calleja**

**vs**

**John Ebejer u b-digriet tas-27 ta' Settembru 2003 is-socjeta' Untours Insurance Agents Limited in rappresentanza tas-socjeta' Qatar Insurance Company giet awtorizzata tintervjeni f'din il-kawza *in statu et terminis***

It-Tribunal;

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-2 ta' Settembru 2003 fejn gie mitlub li l-konvenut jigi kkundannat ihallas

lill-atturi s-somma ta’ hames mija u tmienja u hamsin lira Maltin u disgha u sittin centezmu (Lm558.69) rapprezentanti d-danni kollha sofferti mill-attur Darren Calleja li kien kopert taht polza *comprehensive* mas-socjeta attrici li ghalhekk ghamlet tajjeb ghad-danni minnu sofferti salv ghal Lm25.00 *excess* imhallas mill-istess Calleja, bhala rizultat tal-incident awtomobilistiku li sehh fis-26 ta’ Jannar 2003, ghal habta taa 3.45pm, fi Triq il-Wied, Hal-Balzan bejn il-vettura bin-numru ta-registrazzjoni DBI 248, propjeta’ tal-attur Darren Calleja, u l-vettura bin-numru tar-registrazzjoni HAD 384, liema ncident sehh bhala rizultat tat-traskuragni, negligenza, imperizja u nuqqas ta’ osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut.
Bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tas-6 ta’ Gunju 2003 u dawk tal-ittra ufficjali prezentata kontestwalment mal-Avviz u mibghuta lill-assikurazzjoni tal-konvenut, u bl-interessi legali mid-data tan-notifika tal-ittra ufficjali tas-6 ta Gunju 2003, kontra l-konvneut ingunt ghas-subizzjoni.

Ra r-Risposta tal-konvenut u tas-socjeta intervenuta fil-kawza fejn huma eccepew li t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjes billi ghall-incident stradali in kwistjoni ma kienx jahti l-konvenut.

Sema’ x-xhieda ta’ PS 508 Frans Bezzina, ta’ Luciano Caruana, Darren Calleja, Charmaine Calleja, tal-konvenut u ta’ Etienne Pawney. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esebiti mill-partijiet.

Sema t-trattazzjoni tal-avukati difensuri tal-partijiet.

Ikkunsidra:

Illi l-kawza tirrigwarda ncident stradali li sehh fis-26 ta Jannar 2003, fi Triq il-Wied, Hal-Balzan bejn il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni DBI 248 misjuqa mill-attur Darren Calleja u assikurata taht polza tat-tip *comprehensive* mas-socjeta’ attrici u l-vettura bin-numru tar-registrazzjoni HAD 384 misjuqa mill-konvenut.

Darren Calleja xehed li fid-data tal-incident huwa kien qed isuq il-vettura teighu fi Triq il-Wied, Hal-Balzan, gej mid-direzzjoni tad-*Dolphin Supermarket* u sejjer lejn ir-roundabout ta quddiem il-*Bathroom Design*. Huwa jispjega li fil-hin tal-incident kienet niezla hafna xita u li huwa kien miexi bil-moghod peress li kien ghaddej hafna ilma mill-Wied ta' Hal-Balzan liema ilma kien gej kontrih. L-attur ikompli jghid li l-incident sehh precizament fejn hemm il-fabbrika tal-ghagin, il-vettura tal-konvenut kienet qed iddur ma din il-fabbrika, huwa kien dritt u l-vettura tal-konvenut baqghet diehla fil-genb ta' wara tan-naha tal-lemin tal-vettura tieghu. Id-daqqa kienet fil-mudguard ta' wara tan-naha tad-*driver* u l-konvenut laqtu bil-*mudguard* ta' quddiem tal-lemin. Iz-zewg vetturi waqfu mal-impatt. Calleja qabel mal-posizzjoni tal-vetturi kif indikata fl-iskizz, cahad li kien hemm vettura parkeggjata mal-kantuniera tal-fabbrika tal-ghagin kif sostna l-konvenut fir-*Road Accident Report*, cahad ukoll li huwa hareg minn Triq Antonio Micallef u rribadixxa li huwa kien gej ghad-dritt mid-direzzjoni tad-*Dolphin Supermarket*. Charmaine Calleja li kienet *front seat passenger* fil-vettura msijuqa minn Darren Calleja ikkorroborat il-verzjoni moghrija minn zewgha.

Il-konvenut xehed li dakinhar tal-incident huwa kien qed isuq il-vettura tieghu bin-numru tar-registrazzjoni HAD 384 fi Triq il-Wied, Hal-Balzan u sejjer fid-direzzjoni tad-*Dolphin Supermarket*, harget il-vettura tal-attur minn Triq Antonio Micallef li kienet triq laterali fuq in-naha tal-lemin tieghu u peress li kien hemm vettura parkeggjata fuq in-naha tax-xellug tieghu, huwa ma setghax jigbed il-gewwa u ghalhekk habat mal-vettura tal-attur. Il-konvenut qal li dakinhar tal-incident kienet ix-xita u spjega li l-vettura tal-attur skiddjat qabel ma dahlet fih. In kontro-ezami il-konvenut qal li meta sehh l-impatt huwa kien ilu xi ftit li hareg minn fuq l-*Istop Sign* li hemm quddiem il-fabbrika tal-ghagin qabel ma ddur ghal Triq il-Wied. Huwa qabel mal-posizzjoni tal-vetturi kif indikati fl-iskizz u spjega li l-vettura parkeggjata man-naha tax-xellug tieghu kienet lahqet telqet minn fuq il-post sakemm gie l-Pulizija li nvestiga l-kaz. Huwa qal ukoll li t-triq laterali minn fejn hareg l-attur kienet vicin hafna ta' fejn sehh l-impatt, u

jindika li din kienet tul ta bejn vettura jew tnejn il-boghod. Il-konvenut jghid li malli hareg minn fuq l-*Istop Sign* huwa xeghel l-*indicator* u dritta l-vettura tieghu.

Kif jidher minn dak riportat fil-paragrafi precedenti t-Tribunal huwa rinfaccjat b'zewg verzjonijiet pjuttost konfliggenti dwar kif sehh l-incident li jifforma l-mertu tal-kawza. Iz-zewg verzjonijiet huma l-istess li inghataw *a tempo vergine* kif jirrizulta mir-*Road Accident Report* esebit a fol. 25 et seq. tal-process u huma t-tnejn korroborati mill-passiggiera li kienu riekbin fiz-zewg vetturi rispettivi. Fil-fehma tat-Tribunal, izda, l-iskizz jikkorobora l-verzjoni dwar kif sehh l-incident moghtija mill-attur Darrren Calleja. Kif intqal aktar il-fuq, dan tal-ahhar issotni li huwa kien qed jipprocedi ghad-dritt fi Triq il-Wied u gej mdi-direzzjoni tad-*Dolphin Supermarket*, huwa cahad li hareg minn Triq Antonio Micallef kif qed issotni l-konvenut. Mill-iskizz a fol. 29 jidher li fil-fatt Triq Antonio Micallef tinsab f'distanza konsiderevoli minn fejn jidhru z-zewg vetturi nvoluti fl-incident u jidher li l-istess incident sar vicin hafna tal-kantuniera quddiem il-fabbrika tal-ghagin fejn hemm l-*Istop Sign* li minnha kien hareg il-konvenut. Dan jindika li mhuwiex minnu dak sostnut mill-konvenut li l-incident sehh tul ta' vettura jew tnejn il-boghod mill-kantuniera tat-triq laterlali li huwa jghid li hareg minnha l-attur. Inoltre il-vettura tal-attur tidher li hija perfettament dritta u ma tidhirx li hija vettura li skiddjat u fejn is-sewwieq tilef il-kontroll kif jallega l-konvenut. Dawn iz-zewg fatturi appena msemmija ikkonvincew lit-Tribunal li l-verzjoni moghtija mill-attur hija ferm aktar verosimili.

Fil-fehma tat-Tribunal l-incident *de quo* sehh unikament tort tal-konvenut li hareg minn fuq *Stop Sign* ghal fuq triq principali u kien qed isuq parzjallment fuq in-naha l-hazina tat-triq u ghalhekk invada l-karreggjata li kien qed isuq fiha l-attur Darren Calleja. Anki jekk wiehed kellu jaccetta t-tezi tal-konvenut dwar il-vettura parkeggjata fuq in-naha tax-xellug tieghu, it-Tribunal xorta jirritjeni li l-konvenut seta gibed il-gewwa u rega' dahal fil-karreggjata teighu malli qabez din il-vettura parkeggjata, biex bhekk kien jigi evitat l-incident.

Il-*quantum* tad-danni reklamati mill-atturi bl-ebda mod ma gie kontestat mill-konvenut u fi kwalunkwe kaz l-aturi esebew l-ircevuti relattivi ghall-hsarat minnhom sofferti liema hsarat jidher li huma perfettament kompatibbli mad-dinamika ta' kif sehh l-incident in kwistjoni.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta u jiddeciedi billi jilqa t-talbiet attrici u konssegwentement jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-aturi s-somma ta' hames mija u tmienja u hamsin lira Maltin u disgha u sittin centezmu (Lm558.69), bl-imghax kif mitlub.

L-ispejjes ta' din l-istanza, nkluzi dawk tal-ittra ufficjali tas-5 ta' Gunju 2003 u dawk tal-ittra ufficjali prezentata kontestwalment mal-Avviz, ghandhom jigu sopportati nterament mill-konvenut skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------